TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Jessica Giordimaina Cutajar

vs

MG Home Interiors

CCT/107/17 MS

20 ta' Novembru 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentiipprezentat fit-8 ta' Gunju 2017 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' mija u hamsin Euro, parti mill-prezz ta' xiri u installazzjoni ta' purtieri, liema purtieri allegatament ma kienux dawk maghzula mir-rikorrenti.

Ra li s-socjeta' intimata debitament notifikata fil-25 ta' Awwissu 2017 baqghet ma wegbitx ghat-talba tar-rikorrenti izda dehret Mary Tabone ghall-azjenda intimata u tat ix-xhieda taghha.

Ra l-atti u d-dokumenti tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti Jessica Giordimaina Cutajar xehedet li f'Jannar tal-2017 rat offerta minghand is-socjeta' intimata MG Home Interiors illi min jixtri d-drapp minghandha, l-hjata ssir b'xejn. Ghalhekk ir-rikorrenti thajjret u marret fil-hanut tas-socjeta' intimata fejn hemmhekk tkellment ma' salesgirl u ghazlet certa drapp (Turq Satin) b'tul ta' 320 cm. Meta hadet parir minghand id-direttur tal-kumpanija, din qaltilha biex ma tuzax dak id-drapp u ghalhekk ghazlet drapp iehor. Meta id-drapp inhadem u gie biex jigi installat irrejalizzat illi d-drapp tal-pavaljun ma kienx dak li ordnat u ghazlet hi u fid-dokumenti kien jidher b'code K 080 li fil-fatt huwa Silk Polyster b'tul ta' 340cm. Ilmentat ukoll fuq il-purtiera tal-kamra tal-banju fejn id-dzinn ma giex impoggi tajjeb u tidher ukoll xi daqqa ta'

mqass. Spjegat li qed titlob mitt Euro ghal purtiera l-hazina, ghoxrin tal-installazzjoni tal-purtiera tal-kamra tal-banju u tletin Euro ta' tie-back li giet imwahhla hazin.

Illi min-naha l-ohra Mary Tabone, in rappreżentanza tas-socjeta' intimata ikkonfermat li r-rikorrenti giet tixtri d-drappijiet minghandhom u li originarjament kienet ghazlet id-drapp Turq Satin bil-code K041. Is-salesgirl li kienet qed titratta mar-rikorrenti gabitilha d-drappijiet li kienet ghazlet u Tabone tatha parir biex ma tuzax dak id-drapp (K041) izda drapp iehor - K 080 li kien aktar addatat ghax-xoghol li riedet taghmel ir-rikorrenti. Skond Tabone dan id-diskors sar fil-presenza tar-rikorrenti pero' mhuwiex car jekk Tabone kenitx prezenti wkoll dak il-hin. Zgur illi ma rrizultax x'diskors sar bejn is-salesgirl u r-rikorrenti u jekk din tal-ahhar accettatx is-suggeriment tas-salesgirl li kienet qed tiehu istruzzjonijiet mit-Tabone. Is-salesgirl ma tatx ix-xhieda taghha quddiem dan it-Tribunal. Fid-design sheet ezebit f'dawn l-atti tidher korrezzjoni fid-description code tal-materjal, fejn K041 gie mibdul f'K080 pero id-deskrizzjoni tal-materjal baqa' Turq Satin bid-dimensjonijiet originali ta' 320cm.

Ikkunsidra

Min dawn ir-rizultanzi processwali jidher car illi kien hemm zball jew malintiz bejn dak illi riedet ir-rikorrenti u dak li gie pprovdut mis-socjeta' intimata. Minkejja x-xhieda ta' Mary Tabone ma jirrizultax x'kienet ir-rejazzjoni fuq is-suggeriment ta' Tabone u jekk din accetatx jew le il-bdil tad-drapp. Zgur illi f'xi mument inbidel il-code, pero ma nbiddilx il-nomenklatura tad-drapp li kienet ordnat ir-rikorrenti. Din ordnat Turq Satin u fuq id-design sheet baqa' jidher dan l-isem Turq Satin, ghad illi l-code K080 ma jirriflettix dan id-drapp. It-Tribunal jifhem illi r-rikorrenti bhala persuna mhux teknika kienet ser thares biss lejn id-deskrizzjoni tad-drapp li kien dak li ordnat hi u ma kellha l-ebda mezz tkun taf li l-code kien differenti. Terga' u tghid id-dimensjoni ta' 320cm fuq dan id-design sheet baqa' l-istess kif ordnat ir-rikorrenti. Kien wara li ndunat li hawn ukoll sar bdil u minflok tawha 340cm bil-hela sussegwenti.

It-Tribunal kien jippretendi li s-socjeta' intimata ggib is-salesgirl li effettivament itrattat mar-rikorrenti ghax wara l-intervent ta' Mary Tabone, ma rrizultax x'ghadda bejn ir-rikorrenti u salesgirl. It-Tribunal ghandha biss il-versjoni tar-rikorrenti fejn din tixhed bil-gurament illi l-prodott konsenjat u mahdum ma kienx dak illi originarjament ghazlet hi. Ghalhekk tenut kont li rrizultaw xi zbalji anke fid-design sheet, jaghti aktar kreddibilita' lill-versjoni tar-rikorrenti u jekk sar xi zball, dan kien nettament tort tal-azjenda intimata.

Ir-rikorrenti spjegat kif wasslet ghas-somma li qieghda titlob, li dan it-Tribunal jidhirlu li hu ggustifikat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti, jikundanna l-isocjeta' intimata li tirrifondilha s-somma ta' mija u hamsin Euro (€150.00).

Bl-ispejjes.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**